MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru 100/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**MICHAEL MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Mifsud ta’ 23 sena, iben Francis u Maria Dolores nee’ Curmi, imwieled il-Pieta’ nhar is-06 ta’ Dicembru, 1985 u joqghod gewwa Kantina bla numru li tinsab taht residenza numru 2, Sqaq il-Knisja, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 12286(m).

Gie akkuzat talli:

Fil-lejl tas-06 u s-07 ta' Frar 2009, minn gewwa l-fond bl-isem F Caruana Bros Ltd li jinsab fi Triq Luqa Briffa, Zejtun, ikkommetta serq ta' flus u safe tal-hadid, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-hin u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Joseph Caruana u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi kisser il-vetrina tal-fond bl-isem F Caruana Bros Ltd li jinsab fi Triq Luqa Briffa, Zejtun kif ukoll ghamel hsara ohra fuq oggetti fl-istess post, liema hsarat jammontaw ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), u dan ghad-detriment ta' Joseph Caruana miz-Zejtun u/jew persuni ohra.

U aktar talli matul il-lejl tas-06 u s-07 ta' Frar 2009, minn gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, ikkommetta serq ta' vettura numru JAB074, Ford Escort, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruq huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-hin u dan ghad-detriment ta' John Spiteri mix-Xghajra u/jew persuni ohra.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu li tinsab a fol. 167 tal-Process u nnutat li l-imputat Michael Mifsud m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ix-xhud Kristian Ellul fl-istqarrija tieghu moghtija fis-7 ta' Frar, 2009, qal:

"D Kristian, int dalghodu, ghall-habta tas-7a.m., cempilt lill-ispettur Mercieca u ghedtlu li kellek bzonn tkellmu urgenti "*fuq bicca xoghol*". Tispjegalna ftit fhiex kienet tikkonsisti din "*il-bicca xoghol*"?

T Jiena dalghodu, ghall-habta tal-5a.m. hrigt ma missieri biex inwasslu l-ghalqa lejn tas-Silg, bejn Marsaxlokk u z-Zejtun. L-ewwel mort inwassal lill-missieri biex jixtri hobza minghand Pataw Bakery, nghidlu jien. Kif konna sejrin nixtru l-hobza ghaddejna minn quddiem Caruana Ironmongery taz-Zejtun, it-triq ma nafx x'jisimha, u rajt vann Escort ta' kulur blu. Ftit antik, imma ma nafx x'mudell hu. In-numri ma tghajtx kazhom. Il-vann kien ipparkjat ezatt quddiem il-hgiega li kienet imkissra tal-ironmongery u bid-daqqiet fuqha, kif spjegajtlek fuq din il-karta. Quddiem il-vann kien hemm ragel li kien liebes balaklava sewda u liebes hwejjeg skuri. Quddiemi dak il-hin kien hemm Pajero, Shogun nahseb ta' kulur abjad. Kif ghaddejt minn quddiem il-hanut dak li kien quddiem il-vann ghamilli sinjal b'idu qisu kellu arma f'idu u qalli xi haga fis-sens, kompli ghaddej qisek qatt ma rajt xejn. Jien lil dak li kien quddiem il-vann biss rajt imma jekk jkolli nghid kien hemm xi haddiehor fil-hanut, imma jien ma rajt lil hadd gewwa. Il-persuna li rajt barra l-hanut kien fih ragel, mibni sew, u pjuttost twil. Jien lil dik il-persuna ma gharafthiex. Ahna imbghad ghaddejna xtrajna hobza u bqajna sejrin l-ghalqa. Kif kont niezel lejn Tas-Silg rajt l-istess vann li rajt quddiem Caruana Ironmongery mitluq fit-triq go sqaq. Qrib fejn kien mitluq il-vann hemm qisu razzett. Nies hdejn il-vann ma kien hemm hadd adk il-hin biss kien hemm Escort ahmar ipparkjat hdejh. Minn x'hin rajt il-vann quddiem Caruana Ironmongery sakemm ergajt rajtu f'Tas-Silg kienu qishom ghaddew xi ghaxar minuti.

D Eventwalment, int gejt il-Kwartieri Generali tal-Pulizija kellimt lill-ispettur Mercieca u tlaqt minn hawn, ghall-habta tad-8.45a.m. Fejn bqajt sejjer minn hawn?

T Minn hawn bqajt sejjer ghat-tfajla Donalise Chircop, Haz-Zabbar, ghamilt xi kwarta nistenniha barra, wara bqajt tiela sad-Detox ghax ridt inkellem lit-tabib u minn hemm bqajna sejrin nixtru il-pastizzi minghand il-Maxims ta' Haz-Zabbar. It-tfajla waqfet tixtri xi haga ohra minghand hanut tal-pastizzi iehor ghax riedet xi haga partikolari w minn hemm bqajt sejjer ghand Michael Mifsud. Kont sejjer nehodlu xi haga x'jiekol u hadt it-tfajla mieghi biex taghtih daqqa t'id u tnaddaflu ftit id-dar, anzi kantina iktar milli dar.

D Int lil Michael Mifsud, maghruf bhala "il-Kraxx" meta rajtu l-ahhar qabel illum?

T Il-bierah l-ahhar li rajtu, ghall-habta tas-6p.m. Kien wahdu mort inwasslu jixtri xi haga x'jiekol mill-KFC tal-Gzira u morna nieklu d-dar tieghu.

D Kemm kont tmur spiss ghand Michael Mifsud?

T Kont immur ta' spiss matul dawn l-ahhar hmistax peress li ma kellux kumdita ghax missieru keccieh mid-dar. Anke hwejjeg u kutri tghajtu.

D Tispjegali ftit fid-dettal x'gara imbghad ghand Michael Mifsud?

T <u>Wasalt hemmhekk xi kwarta qabel ma waslu l-pulizija. Kif wasalt rajt lil Joseph, maghruf bhala *il-Birds*, li huwa wkoll sid il-kantina.</u> Kien qed ikellem lill-Michael u meta wasalt jien baqa diehel maghna gewwa bil- kelb b'kollox. <u>Qallu xtrajtlek tlett diski, kien qed jirreferi ghad-diski tal-grinder u qallu li kien ser igiblu grinder minn ghand huh. Fil-fatt Joseph telaq u rega gie bi grinder zghir ta' kulur blu.</u> Lill-Kraxx qallu biex jekk jinkiser il-grinder jixtrilu iehor ghaxar liri kollox. Qallu wkoll biex joqghod attent ghax il-post tieghu. Qalilna biex niehdu pjacir u telaq bil-kelb. <u>Kif telaq ghalaqna il-bieb. Michael meta ra lit-tfajla qalli "*x'iz-zobb gibtha tghamel hawn*". F'daqqa wahda hareg safe minn taht is-sink tal-kcina. Tefghu hdejn is-sodda u qabbad il-grinder li tah Joseph u beda jaqta. Kif hareg is-safe jien ghedtlu x'kien ser jaghmel u hu qalli li kien ser</u>

jaghmlu hemm ta' malajr . Jien ma saqsejtux minn fejn gabu w hu ma qallix minn fejn kien gabu. Fi ftit minuti qatghu. Kellu juza it-tlett diski biex qatghu. Kif fetah is-safe hareg il-flus u tefghahom fuq il-mejda, hareg pot ta' qasrija bil-muniti minn go l-istess safe. Imbghad beda jisigilla is-safe go garbage bag u dawwar bit-tape meta f'daqqa wahda habbat il-bieb. Min kien ihabbat qallu li kienu tas-CID, ghajtulu b'ismu Michael u bdew jghidulu wkoll Kraxx, biex jiftah il-bieb. Michael ma irrisponda xejn u beda jahbi l-flus fil-gwardarobba. Qalli xi hadd bezaqna. Ipprova jiftah tieqa zghira imma ma setax jiftaha. Qalilna li kif jidhlu l-pulizija jghidilhom li ahna ma kellna x'naqsmu xejn, cioe' jien u t-tfajla. Imbghad infaqa il-bieb, Michael mar jiftah il-bieb, Michael beda jghid li ma ghandu xejn. Imbghad fethu l-gwardarobba u harguni l-pulizija u wara hargu lit-tfajla tieghi minn gwardarobba ohra. Dak kollox. Imbghad gabuna hawnhekk.

D Qabel ma dhaltu ghad Michael Mifsud dalghodu, Michael tarraflek x'kellu f'mohhu jaghmel dalghodu?

T Ma qalli xejn.

D Meta kont ghand Michael Mifsud il-bierah rajtlu xi safe fil-kantina?

T Jien ma qghadtx infittex, imma mad-daqqa t'ghajn ma rajt l-ebda safe.

D Il-bierah Michael Mifsud qallek x'kellu ippjanat ghall-matul il-lejl?

T Le. Ma qalli xejn. Qalli li ghandu bzonn il-flus peress li jaf li sejjer il-habs dalwaqt peress li gibdulu l-flus tal-bail.

D Michael Mifsud lilek offrielek xi flus?

T Le. Il-bierah tghani ghoxrin Euro talli noqghod inwasslu l-hemm u l-hawn ghax hu ma ghandux karrozza. Hu lanqas licenza m'ghandu ghalkemm jaf isuq.

D Nghid sew li int kont taf li s-safe ma kienx tieghu?

T Indunajt. Jien naf li jhawwad. <u>Jien urejtu li kont naf li saret serqa ghand Caruana Ironmongery imma hu ma qalli xejn.</u>

D Ma din l-istqarrija li ghadni kif qrajtlek, ghandek xi haga xi zzid, tnaqqas, tbiddel jew ticcara?

T Ghandi nghid li mas-serqa tas-safe jien ma ghandi x'naqsam xejn. Jien mort biex nehodlu xi haga x'jiekol u dhalt fl-istorja intortament. Jien just inzertajt hemm meta gew il-pulizija. Kieku kelli x'naqsam ma kontx ser nigi jien stess ghand il-pulizija u nghidilhom b'dak li rajt." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Donnalise Chircop fl-istqarrija taghha moghtija fis-7 ta' Frar, 2009, qalet:

"D Fhimtha it-twissija li ghadni kemm tajtek?

T Iva.

D Inti tahdem?

T Iva. Nahdem ma' Euromed Support Systems.

D Kemm ilek taghmel dan ix-xoghol?

T Ghalaqt sentejn.

D Inti mizzewga?

T Le. Gharusa lil Christian Ellul.

D Kemm ilek tafu lil Christian?

T Sentejn u nofs.

D Tista' tghidli fejn kont matul il-lejl li ghadda?

T Ghand in-nanna tieghi fl-indirizz li tajtek ghax bhal issa hemm qed nghix u ilni hemm ghal dawn l-ahhar 3 snin.

D Fi x'hin dhalt id-dar ilbierah u fi x'hin ergajt hrigt dalghodu?

T Dhalt ghal xi 20:30hrs u dalghodu hrigt bejn id-09:00 u 09:30hrs.

D Ma' minn kont ilbierah qabel dhalt id-dar?

T Ma' Chris u anke ghand in-nanna mieghi gie.

D Christian fejn joqghod?

T Ma' ommu iz-Zejtun.

D Jigifieri Chris dahal mieghek id-dar fit-20:30hrs?

T Iva

D U x'gara wara?

T Bqajna hemm u Chris telaq 'l hemm zgur mhux aktar tard mill-22:30hrs. Naf ukoll li wara cempilli mid-dar fuq il-mobile tieghi biex jghidli li kien wasal. Dan kien xi 5 jew 10 minuti wara.

D Chris x'karozza ghandu?

T Ghand Fiat Punto imma qeda ghat-tiswija u bhal issa ghandu Suzuki tal-kiri.

D Inti lil Michael Mifsud maghruf bhala l-Kraxx tafu? U jekk iva, fejn u kif sirt tafu?

T Iva nafu. Ilni nafu ghal dawn l-ahhar xahar u nofs u sirt nafu ghax habib ta' Chris. Jien u Chris ghandna post u ridna naghmlu xoghol fih ta' xi trinek u nifthu xi bieb. Xi xahar u nofs ilu, kont ma' Chris bil-karozza Fiat u konna ghaddejjien minn Haz Zabbar u hemm rajna lil Michael, li

jien kont rajtu l-ewwel darba u Chris qalli biex inkellmu lil dan Michael fuq ix-xoghol li kellna naghmlu. Kellimnih u rrangajna dwar ix-xoghol imma sal-lum ghadna ma ghamilna xejn.

D Kemm il-darba iltqajtu ma' Michael minn xahar ilu 'il hawn?

T Nahseb li iltqajna f'kull weekend u gieli ukoll fost il-gimgha. Konna mmorru nieklu xi haga flimkien. Inwassluh id-dar ghand missieru u daqshekk. Biss dan l-ahhar naf li minghalija keccieh missieru u mar joqghod go gabuba minn fejn arrestajtuna illum.

D Inti illum gejt arrestata minn go residenza gewwa Haz Zabbar flimkien ma' Chris u Michael il-Kraxx. Tista' tghidli x'kont qed taghmel fil-post minn fejn arrestajnik?

T Jien mort hemm xi l-10:30hrs jew nofs siegha qabel ma gejtu intom. Minghalija nhar il-Erbgha jien offrejt lil Michael biex immur innaddaflu ghax rajtlu ftit tal-hmieg u hu accetta u ftehmna ghall-lum. Fil-fatt mort hemm ma' Chris, u kif kont bdejt innaddaf gejtu intom.

D Ma' min qed jghix Michael fil-post li minnu gie arrestat?

T Wahdu. Jiena dejjem wahdu rajtu.

D Tista' tghidli x'rajt u xi smajt inti fil-hin li llum ghamilt fil-post fejn qed jghix Michael?

T Dhalt normali u Michael ghamel ftit cafe', u wara li xrobtu bdejt niknes. Chris intefa bilqeda fejn Michael madwar il-mejda. Waqt li qed niknes, rajt safe tal-hadid ta' kulur griz ma' l-art fejn il-mejda. Ghal ewwel ma tajtx kaz imma mbghad Michael qalli biex nersaq lejn il-Gwardarobba u jien mort fejn qalli. Hin minnhom naf li kellu grinder, xeghlu ftit fejn is-safe u tfiegh. Naf li wara fetah dan is-safe u beda johrog minnu xi boroz tal-plastic zghar mimlija muniti. Dawn beda ipoggihom fuq il-mejda. F'dak il-hin jien staqsejtu x'kienu u hu qalli "le xejn, ta'

habib tieghi”. Ftit wara ippakkja dan is-safe go garbage bag sewda u t-tapejha u fil-pront beda ihabbat il-bieb u indajt li kienu pulizija li bdew jghidu lil Kraxx biex jiftah il-bieb. Michael mal-ewwel nehha l-flus minn fejn jidhru u tefaghhom fil-gwardarobba u jien bdejt nistaqsih x’kien gara u ma qalli xejn. Chris beda ukoll jippanikja. Wara Michael qalli biex nidhol fil-gwardarobba u jien hekk ghamilt u ftit wara gew il-pulizija fuqi.

D X’diskors smajt jintqal inti bejn Chris u Michael sakemm gew il-pulizija?

T Naf li bdew jitkellmu biex immorru nieklu flimkien illejla.

D Kien hemm xi hadd iehor fil-post meta wasaltu inti u Chris?

T Naf li ahna u dehlin gewwa gie wiehed bil-kelb imma dan telaq mal-ewwel.

D Intqal xi diskors bejn Michael u dan tal-kelb?

T Le jiccajtaw biss

D Qallek xi haga lilek Michael dwar minn fejn gab il-flus u s-safe li kellu d-dar?

T Le. Just li kienu tal-habib tieghu.

D Kemm il-darba dhalt go dak il-post inti?

T Dhalt darba ilbierah filghaxija ghax xtrajna KFC take away u kilnih hemm, darba ohra minn din il-gimgha u darb’ohra biex hadnielu xi kalzetti. Innaddaf qatt ma mort.

D Fil-bank tal-kcina kien hemm maskla tal-karnival. Taf xi haga dwarha din?

T Le. Qatt ma rajtha din.

D Trid izzid xi haga ohra ma’ dak li ghadek kif ghidtli?

T Li jien qatt ma rajt ghajn hazina minn Michael u li mas-safe u mal-flus ma ghandhiex x'naqsam u lanqas li kienet saret xi serqa ma naf, kif infurmawni il-pulizija wara." (Sottolinajar tal-Qorti).

Ix-xhud l-Ispettur Keith Arnaud fis-Seduta tat-18 ta' Frar, 2009, inter alia qal:

"..............................................................................................................................................."

"Sa dan it-tant dahlitilna informazzjoni gewwa s-CID stess illi certu Michael Mifsud maghruf bhala l-crash seta' kienu involut f'din is-serqa li kienet qeghda tigi nvestigata. Dakinhar stess ghal habta tal-ghaxra u nofs jiena, s-Surgent 453 u PC 751 konna morna biex inkellmu lil Michael Mifsud li mill-istess informazzjoni kienu qalulna li joqghod Sqaq il-parocca haz-Zabbar.

Morna hemmhekk u mill-informazzjoni li kellna qalulna li kien qed jghix go kantina go l-istess Sqaq. Fil-fatt meta morna konna sibna din il-kantina li tinzel b'xi sitta jew seba' targiet taht l-art u meta wasalna fuq il-post minn barra l-isqaq smajna cekcik ta' flus gej minn gol-kantina. Ovvjament din is-serqa li konna qeghdin ninvestigaw kienet tikkonsisti f'serq ta' safe li go fih kien hemm ammont ta' flus li l-istess kienu coins, kif kien irraporta sid il-hanut li jismu Joseph Caruana id card number 598662(M). Dan kien irraporta li serqulu ammont ta' flus mill-cash register kollox. Il-cash register kellha wkoll extension ta' kexxun imwahhal mal-qiegh taghha, jigifieri l-cash register b'zewgt ikxaxen li kien fihom ammont ta' coins u safe ukoll tal-hadid li haduh b'kollox li kien zghir, li skont id-description li kien tani s-sid stess kienu serqulu cash register ta' kulur beige li kien fiha erba' mija u hamsin euro f'muniti. Kellha mitejn u hamsin Euro fi flus kontanti bhala karti dominations kienu ta' ten euros u five euro. Kellu tlett mitt euro go dan il-kexxun li kellu extension li kien imwahhal mal-cash register.
U is-safe tal-hadid li kien 12 inches by 15 inches by 12 inches li dan is-safe kellu wkoll ohrajn ghal bejgh fil-hanut

tieghu li kien fih ukoll madwar tliet elef Euro fi flus coins. U s-safe ukoll kellu kliem tad-ditta Black Spur li kienet immarkata mal-faccata tal-bieba. Ghaldaqstant ahna konna nafu bejn wiehed u iehor ghal xiex konna qeghdin infittxu. Minn barra tal-isqaq fil-fatt smajna ic-cekcik ta' flus. Osservajna ftit il-movimenti gol-post u bqajna nisimghu l-istess cekcik u anki xi haga jigi ttejpjat, qisu tape tal-plastik. Ghaldaqstant habbatna mal-bieb, identifikajna ruhna bhala Pulizija u ghidna lil Michael biex jiftah. Pero' minkejja dan kollu l-bieb ma nfetahx, smajna qisu bhal commossion gewwa, caqliq u movimenti u iktar flus jigu mcekcka u tape ukoll ghaddej u ftit tal-hin wara il-hsejjes waqfu totalment. Dak il-hin ahna ddentifikajna ruhna bhala Pulizija, ghidnilu biex jiftah u jekk mhux ser jiftah ser jiftah ha nifqghu il-bieb. Il-bieb baqa' ma nfetahx u ppruvajna nisgassaw il-bieb ahna. Pero' ma stajniex. Sa dan it-tant tlabna l-ghajnuna tal-Pulizija tal-mobile li gew ukoll fuq il-post u dawwarna l-area tal-kantina, u wara cirka hmistax -il minuta, ghoxrin minuta biex nippruvaw nidhlu, il-bieb tbexxaq.

Irrizulta li fetah hu stess. Il-bieb kien maghluq bi stanga, fetah l-istanga u l-bieb infetah. Dak il-hin li infetah jiena kontx prezenti, kont qieghed fuq il-kamra ghax tlajt fuq is-saqaf biex nara narax lil xi hadd minn gewwa pero' fil-fatt ma kienx il-kaz ghax irrizulta li l-kantina ma kienx hemm access iehor minn fejn johrog. Kif inzilt isfel sibt lil Michael Mifsud li qed naghrfu gol-Awla kien diga' mmanetjat u mieghu kien hemm zewg minn nies ohra Christian Ellul u Donalise Chircop li kienu wkoll immanetjati. Dak il-hin li kienu mmanetjati mill-Pulizija tal-Mobile, mis-Surgent 453 u 751. dak il-hin jiena fridt it-tliet individwi, billi hallejt lil Michael gol-kantina u hrigt lil Donalise u lil Christian barra il-fond biex nibdew l-investigazzjoni. Ghamilna tfittxija gewwa u l-kantina hija zghira hafna, qisha iftuh open plan u ghandha taht it-tarag qisu bhal kcina, kamra zghira maghmulha bhala kcina. L-area fejn hemm is-sodda, gwardarobba u zewg komodiniet konna elevajna hafna flus, boroz ta' flus li kienu mhux hazin.

Uhud minnhom instabu gol-gwardarobba, kien hemm flus ohra fuq is-sodda u kien hemm xi haga wkoll fil-komodina

tal-lemin. Dawn elevajnihom kollha u hallejnihom fuq il-post fejn sibnihom u mbaghad aktar tard gew il-Pulizija tal-Forensika l-istess li kienu mahtura fl-Inkjesta biex jiffotografaw u elevajna xi affarijiet ukoll. Kien hemm ukoll, xammejna riha qawwija ukoll ta' xi haga qisha mahruqa bhala qisek qattajt hadid. Kienet tinxtamm sew gol-kamra. fil-genb tal-kamra kien hemm kaxxa maghluqa qisha garbage bag u bit-tape ohxon minn dan il-kannella. Kienet ittejpjata li dak il-hin issuspettajna minhabba d-daqs taghha li seta' kien is-safe li kien misruq mill-ironmonger. Pero' dan il-kaxxa ma ftahnihiex minhabba l-ezamijiet forensici, hallejniha kif inhi ghal aktar stharrig.
Fil-kamra ukoll sibna grinder, grinder kien fil-gwardarobba li go fih kellu mwahhla wkoll diska li kienet totalment mikula. Fil-fatt fdalijiet kellha maghha u fil-mejda, fl-open plan kien hemm mejda tal-plastic u fuqha kien hemm zewg diski ohra tal-grinder li deheru wkoll uzati. Pero' kien hemm iktar laham fihom bhala diski. Pero' dik li kienet imwahhla god-diska kienet totalment mikula. Dan kollu konna ghaddejnihom lil tal-Forensika, PS 1184 u PC 453. fil-fatt konna ghaddejnilhom borza tal-plastik u go fih kien hemm il-flus ghal ezamijiet forensici. Il-grinder il-blu li kellu d-diska, zewg pari ngwanti tas-suf li konna gbarna minn gol-komodini, it-tape kannella tal-plastic li kien inbidel, uzat li kien fuq il-mejda wkoll. Iz-zewg diski li semmejna, il-kaxxa tas-safe li kienet irrepjata go garbage bag u fil-cupboard konna sibna l-maskla tal-Karnival taghti full face, wicc ta' persuna. Maskla tal-plastik li elevajniha minn gol-cupboard tal-Kcina.

Issa apparti minn hekk l-ammonti li sibna gol-fond kien bhala somma globali kienet ta' elf u tmienja u hamsin euro u hamsin centezmu li kienet tikkonsisti f'boroz. Bhala flus kienu jikkonsistu f'coins ivarjaw minn 1 euro sa 1cent euro li l-maggor parti kienu separati go boroz il-1 euro, two euro, fifty kollha separati go boroz bhal meta ggibhom minn xi banek jew hekk u pero' kien hemm haga zghira wkoll mija wiehed u hamsin, mija sitta u tletin u mitejn u tlettax il-euro li kienu coins jigru. Il-kumplament minn tas-somma kienu stivati go boroz separatament bhala denomintations ta' coins." (Sottolinajar tal-Qorti).

Ix-xhud PC 751 Joseph Borg fis-Seduta tal-24 ta’ Marzu, 2009, inter alia qal:

“.................................................................................................................................”

“Ahna morna wara l-knisja ta’ Haz-Zabbar, fejn ahna fittxejna lil kantina partikolari u sibnijha. Ahna u nezlin ta’ din il-kantina, ahna smajna ammonti kbar ta’ muniti jcekcku u kkonfermajna li l-informazzjoni kienet processa, kwantu ghas-serqa li kienet saret fis-sitta (6) ta’ Frar, elfejn u disgha (2009), kienet tirrigwarda serq ta’ ammont kbar ta’ muniti.

Ahna habbatna il-bieb u hadd ma fetah. Nghid illi, l-istorbju li kien gej min-naha ta’ gew waqaf. Ghamilna madwar ghoxrin (20) minuta nhabbtu, nikkonvincu l-persuna li kien hemm gewwa biex tifthilna. Pruvajna nkissru l-bieb pero’ ma rnexxilniex. Mid-dehra il-bieb kien maqbud bi stanga minn wara. Wara li ghaddew xi ghoxrin (20) minuta fethilna persuna, li kien l-imputat Michael Mifsud, li qieghed ngharfu prezenti fl-Awla. Dan huwa maghruf bhala l-Krazz.

<u>Nghid kif dan fethilna, jien kont l-ewwel li nzilt gewwa l-kantina. Jiena tfajtu ma’ l-art u mmanetjajtu fuq wara. Ftit sekondi wara, zewg (2) persuni ohra li kienu mohbija gewwa l-gwardarobbi, meta illi dawn il-persuni, meta ftahna l-gwardarobbi sibnihom gol-gwardarobbi. Nghid illi, fil-gwardarobbi kien hemm ammont kbir ta’ muniti.</u> Nghid illi wara li kulhadd kien gie immanetjat, it-tficcija li saret, <u>sibna diversi boroz b’muniti go fihom fil-gradenzi ta’ hdejn is-sodda.</u> Ukoll kien hemm safe zghir tal-hadid, li kien jidher minsus b’xi grainder. Stennejna mbghad lil tal-fotografija. Iffotografat il-post. Persuni illi arrestajna nizzilnihom is-CID.

<u>Nghid meta thalna gewwa l-kantina, wara illi l-imputat fethilna l-bieb, ahna xammejna riha li kienet tindika li xi hadd kien ghadu kif iggrandja l-hadid.</u> <u>Nghid illi, fil-post innutajt li kien hemm grainder u kien hemm ukoll xi diski uzati tal-grainder.</u>” (Sottolinajar tal-Qorti).

Ix-xhud PS 435 David D'Amato fis-Seduta tal-24 ta' Marzu, 2009, qal:

"Nghid illi fis-sebgha (7) ta' Frar, elfejn u disgha (2009) u dan ghal x'il habta tal-hdax neqsin kwart (10.45) ta' filghodu, jiena flimkien ma' l-Ispettur Keith Arnaud u PC 751 Joseph Borg, morna fl-isqaq il-Knisja Haz Zabbar biex narrestaw lil certu Michael Mifsud maghruf bhala Krazz.

Wara l-Ispettur Keith Arnaud kien ircieva informazzjoni konfidenzjali. X'hin ersaqna vicin tal-bieb ta' l-imsemmi Michael Mifsud, qed naghrfu bhala imputat prezenti fl-Awla, ahna smajna cekcik ta' muniti u ahna bdejna naghtu l-ordni, biex min kien qieghed gewwa jiftah il-bieb. Nixtieq nghid illi, ahna kellna l-ordni li narrestaw lill-imputat ghaliex kienet ghada kif sehhet serqa minn gewwa z-Zejtun fejn kien gie involut is-serq ta' ammont kbir ta' muniti.

Nghid illi, wara li ahna taghjna l-ordni biex jinfetah il-bieb, nghid illi, waqa' silenzju. li hin minnhom, smajt lil xi hadd qieghed jissigila bit-tape. Nghid illi pero' domna xi kwarta, ghoxrin (20) minuta, nistennew biex jinfetah il-bieb. Nghid, ahna ghamilna l-ghalmu taghna ukoll biex il-biex nifthuh. Wara xi ghoxrin (20) minuta, il-bieb infetah. Nghid illi, kien l-imputat Michael Mifsud li fethilna l-bieb u kif dhalna gewwa, jiena u l-kollega tieghi PC751 tfghajna lill-imputat ma' l-art u arrestajnieh.

X'hin kont prezenti hemm gew, jiena staqsejt lill-imputat jekk kienx wahdu u x'hin inhares lejn in-naha tax-xellug tieghi, nnutajt illi l-bibien tal-gwardarobba, minnhom bdejt ninnota li xi hadd kien qed jittawwal. Jiena ersaqt lejn il-gwardarobba, u tlabt lil dawk li kienu qeghdin gewwa l-gwardarobba biex johorgu. Minn hemm hekk harget mara, hareg ukoll ragel. Dawn gew arrestati. Jiena tellajt lil mara fuq, fis-sens li hrigtha barra mill-kamra.

Sadanittant, gie l-Ispettur Keith Arnaud u ghajjatna ghal-assistenza tal-Pulizija tal-Mobile. U z-zewg (2) persuni

rrizultaw li kienu Christian u Donalise. Jiena mbghad, kif ghidt, hrigt lil Donalise barra, mill-kamra. Imbghad jiena cempilt l-ghassa ta' Haz Zabbar biex jibghatu pulizija mara biex tassisti lil Donalise.

Aktar tard, nnutajt, meta jiena ergajt inzilt isfel, innutajt illi kien hemm il-muniti, u kienu boroz tal-flus bil-muniti. Nghid meta jiena u l-kollega tieghi konna dhalna gewwa, wara li kien fethilna l-imputat, nghid illi gewwa xammejna riha ta' qisu kien ghadu kif inqata' xi hadid." (Sottolinajar tal-Qorti).

Ix-xhud PS 1314 Raymond Ambrogio fis-Seduta tat-28 ta' April, 2009, inter alia qal:

"Nghid illi in kwantu ghal 7 ta' Frar 2009 gejt imsejjah filghodu biex jiena nassisti l-iskwadra tas-CID gewwa Haz Zabbar. Mieghi kelli lil PC 766 Sergio Schiavone. Kif wasalna fuq il-post Sqaq il-Knisja Zabbar sibna fuq il-post lil Ispettur Keith Arnaud flimkien ma' PS 435 David D'Amato u PC 751 Joe Borg. Dawn kienu qeghdin jippruvaw jikkonvincu xi persuni li kienu qeghdin gewwa l-fond biex jifthu l-bieb. Nghid illi PC 751 pprova jiskossa l-bieb. Wara certu hin persuna fethet il-bieb. Il-persuna li fethet il-bieb qed naghrafha bhala l-imputat prezenti fl-Awla. wara sirt naf li dan huwa certu Michael Mifsud. Meta dhalna gewwa l-fond ahna lil imputat saqsejnih mill-ewwel jekk kienx hemm xi hadd iehor fil-fond. Huwa rrisponda li kien qieghed wahdu. Ahna ma emminniex din it-twegiba. Sejjahna min kien qieghed mohbi gewwa gwardarobba u hargu zewg persuni. Wara sirna nafu min kienu. Wiehed kien Kerstin Ellul jew Christian Ellul u l-ohra kienet Donalise Ellul. Din ukoll sirt naf isimha wara. Ghal fini ta' sigurta' l-persuni li semmejt gew manetjati u gie ukoll imsjeha Pulizija mara minhabba li kien hemm fost il-persuni arrestati mara. Fil-prezenza tal-imputat Michael Mifsud saret tfittxija gewwa dana l-fond. Jiena kont qieghed f'dak l-istadju, xogholi kien li nosserva u nghid illi nstabu kwantita' ta' muniti. Instab ukoll safe. Nghid illi jekk instabu affarijiet ohra kienet imbaghad fil-prezenza tas-CID pero' jiena mill-osservazzjoni li ghamilt nghid illi

nnutajt li nstabu kwantita ta' muniti u wkoll safe." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud PC 766 Sergio Schiavone fis-Seduta tas-17 ta' Awissu, 2009, inter alia qal:

"..................................................................................................................................................."

"Fuq il-post sibna ukoll lil Spettur Keith Arnaud flimkien ma' PC 751 Joe Borg li ppruvaw jikkonvincu lil min kien qieghed gewwa fond biex dana jiftah il-bieb u dan bla success. Il-fond kien kantina zghira li wiehed biex jaccedi ghaliha jrid jinzel xi ftit tarah. Pero' nghid illi eventwalment imbaghad il-persuna fethet il-bieb u accedejna fil-post flimkien mal-Pulizija tas-CID inkluz l-Ispettur Keith Arnaud. Nghid fil-fond sibna lil Michael Mifsud li qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u iktar tard fit-tfittxija li sar fuq l-istess fond sibna zewg persuni li kienu qeghdin mohbijin fil-gwardarobba u precizament dawn il-persuni kienu Kerstin Ellul u Donalise Chircop. Nghid illi fit-tfittxija li ghamilna fl-istess fond sibna mohbija gewwa vazun kwantita kbira ta' muniti. Sibna ukoll safe tal-metal li kien irrepjat fil-plastik. Nixtieq nghid illi l-flus li kienu gol-vazun kienu wkoll qeghdin gewwa boroz trasparenti tal-plastik. Nixtieq nissottolinja l-fatt li kif accedejt gewwa dina l-kantina xammejt riha qawwija ta' hruq." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud PC 942 Saviour Chircop fis-Seduta tas-17 ta' Awissu, 2009, inter alia qal:

"..................................................................................................................................................."

"Nixtieq nghid illi meta ahna wasalna fuq il-post il-membri tal-Pulizija tas-CID kienu dehlin gewwa kantina. Ahna ukoll dhalna. Nghid illi jiena kif dhalt f'dina l-kantina zammejt riha qawwija ta' hruq. Nghid ahna fil-post sibna lil Michael Mifsud li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Nixtieq nghid illi fil-fond sibna wkoll guvni u tfajla li kienu mistohbijin. Dawn kienu mistohbijin gewwa

gwardarobba. U dan irrizultaw li kienu certu Kerstin Ellul u Donalise Chircop.

Nghid fil-prezenza ta' l-imputat Michael Mifsud u taz-zewg persuni l-ohra li semmejt li gew misjuba hemmhekk bdiet tfittxija b'ordni ta' l-Ispettur Keith Arnaud u minn din it-tfittxija rrizulta li nstabu ammont konsiderevoli ta' muniti ta' flus. Nictieq nghid ukoll li jien ghamilt tfittxija gewwa Kitchenette li hemm fil-kantina u dana fil-presenza ta' l-imputat Michael Mifsud u t-tnejn l-ohra li semmejt. Jiena elevajt full face mask. Nghid li dina kienet qisha maskra tal-Karnival pero' kienet wicc ta' bniedem. Din kienet maghmula minn gilda u mhux minn plastik." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Joseph Caruana fis-Seduta tat-18 ta' Frar, 2009, qal:

"Jiena wiehed mill-proprjetarji tal-kumpanija F Caruana Brothers Limited. Nghid il-hanut taghna jinsab fi triq Luqa Briffa Zejtun. Nghid illi fis-7 ta' Frar 2009 jien skoprejt li kienu dahlulna gol-hanut taghna. Dakinhar jiena rcevejt telefonata minghand hija ghaliex hija joqghod biex ma' biex mal-hanut taghna li qalli li kien sema' xi storbju. Hija kien cempilli fil-5 ta' filghodu. Jiena jismu George Caruana. u hija qalli biex jiena mmur hemmhekk ghaliex kien qed jahseb li kienu dahlulna fil-hanut. Hu wkoll kien qalli li kien ra hgieg imkisser. Nghid jiena lbist u jiena u hiereg biex immur ghal hanut iltqajt mal-Pulizija tal-iskwardra mobbli u nghid illi jiena kont ha nghidlu dwar l-akkadut u hu qalli li kien diga' nfurmat. Jiena mbaghad dhalt fil-hanut tieghi mal-Pulizija. naf li l-Pulizija tal-Mobile jidher li kien jismu Turu. Imbaghad skoprejt li kienu faqghu l-hgiega l-kbira tal-armatura. Fiha sibt nieqsa l-cash box li kienet doppja, kexxun doppju. Sibt ukoll nieqes is-safe, il-bqija nnutajt tkissir. Nghid illi jiena ghamilt stima tal-hsara tal-armatura u nghid illi fil-fatt ghandi stima pero' ma gitiex mieghi llum u nipprometti li nesebiha f'seduta ohra. nghid l-istima tal-hgiega biss tal-armatura tammonta ghal tliet mija u hamsin lira Maltin. Jiena wkoll bhala hsarat sibt il-lap top li kien spicca mal-art u jien sibtu mal-art.

Dana ivverifikajtu u dana ma jissewwiex. Dana l-laptop jien kont xtrajtu disa mitt lira maltin, illum l-valur tieghu nikkalkulah li hu ta’ erba’ mija u hamsin lira maltin. Jiena kont xtrajtu disa’ snin ilu dan il-laptop u kont xtrajtu second hand. Nghid illi mbaghad kellna wkoll drawer tal-hadid li dan ikun bil-kxiexen. Nghid dan kien twaqqa u nghid li saritlu hsara li ma tissewiex. Dak kont xtrajtu hamsa u erbghin lira maltin. In kwantu ukoll nghid li ahna sibna s-safe nieqes. Nghid illi dan is-safe huwa ta’ valur ta’ disghin euro u fil-fatt nghid huwa safe li inbieghuhom ahna stess. Nghid is-safe bhala qisien ghandu pied gholi, ghaxar pulzieri fond u xi 14-il pulzier wiesa’ tal-kulur griz fl-ahdar.

Jidhirli jismu Black spot. Nghid illi fuq il-parti t’isfel ta’ dana is-safe hemm kulur ahmar, isfar u iswed. Nghid ukoll ahna sibna nieqes il-cashbox li hija tal-marka Omron u dina l-cash box konna xtrajniha cirka mitejn u erbghin lira maltin. Nghid issa kellna nixtru ohra biex nirriplejsjsaw lil li kellna. U jiena xtrajtha bhal mudell li kelli qabel fl-ammont ta’ seba’ mitt euro. Nghid illi fil-cash box, ahna bhala flus kellna erba’ mija u ghoxrin euro f’muniti u mitejn euro f’karti. Nixtieq nghid li peress li dina l-cash box hija doppja fil-kexxun taht kien hemm ukoll madwar mitejn euro ohra muniti. Jigifieri t-total kollu in kwantu ghal cash box f’euro gewwa l-cash box kien ta’ tmien mija u ghoxrin euro. In kwantu ghal flus fis-safe li huma neqsin u dan skond kemm qalli hija Raymond Caruana fis-safe kellna tliet elef euros dan approssimitivament. U dana f’muniti.

Nixtieq nispjega wkoll illi jiena oltre dina l-cash box li semmejt ahna kellna drawer iehor li fih inpoggu l-muniti kollha u wkoll it-transaction sheets li jsiru bankarji. Bil-cards bhal Cashlink card. Nghid illi jiena kont sibt id-drawer miftuha pero’ dawna l-karti u l-muniti ma sibthomx. Innutajt li kien hemm xi ftit muniti fl-art. Nghid jiena meta kont gejt mitlub mill-Pulizija biex immur halli nara nidentifikax xi oggetti, nghid jiena gharaft fix-zgur borza li kienet bil-muniti, borza tal-muniti taghna. Nghid gejt muri wkoll safe li jiena gharaftu bhala s-safe taghna. qed nigi mitlub mill-prosekuzzjoni biex inhares madwari fl-awla

biex nara naghrafx xi persuna li nafha nghid li mhu qieghed naghraf lil hadd.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Raymond Caruana fis-Seduta tal-24 ta’ Marzu, 2009, qal:

“Jiena wiehed mid-diretturi tal-hanut li huwa tal-kumpanija F. Caruana Brothers Limited. Dan il-hanut jinsab sitwat fi triq Luqa Briffa, Zejtun. Nghid illi, jiena sifirt qisu hamest (5) ijiet qabel ma kienet sehhet is-serqa bejn is-sitta (6) u s-seba’ (7) ta’ Frar, elfejn u disgha (2009). Hawn nixtieq nippreciza li jiena fil-fatt kont sifirt ghal-ahhar ta’ Jannar, elfejn u disgha (2009).

Nghid illi, dak iz-zmien ahna kellna hafna cash ghax kelna diversi kazijiet fejn kelna hlas cash. Nixtieq nippreciza li l-cash, kien muniti, kellna kwantita ta’ muniti. Kellna safe imdahhal gewwa l-hanut u kellna wkoll cash box li kienet mimlija wkoll bil-muniti. Kellna kexxun iehor hdejn il-cash box li kien ukoll bil-muniti, illi dawn kollh gew neqsin. Nghid, inkwantu li npoggu flus fis-safe, jiena, hija Joe Caruana. Nghid illi, Elaine Caruana, bint hija Joe Caruana, gieli poggiet xi flus.

Nghid illi, inkwantu l-ammont ta’ kemm tfajt coins jiena f’dawn is-safes, nghid jidirli li tfajt madwar elfejn (2000) ewro muniti. Fil fatt lil hija kont ghidtlu biex ma jsarrafx fidda ghaliex kellna madwar tlett elef (3000) ewro muniti, pero’ dawn ma kienux kollha qeghdin fis-safe u ghalhekk nghid illi, l-ammont kien qisu xi elfejn (2000) ewro li kien hemm fis-safe.

Jiena wasalt lura hawn Malta fl-ahhar ta’ Frar, elfejn u disa’ (2009). Irrid nghid, meta kont barra, kien cempilli ibni u qall li kien sar sgass fil-hanut taghna. Irrid nghid li ahna, f’din is-serqa kelna hsara ta’ hgiega kbira, li biex sewwejnijha, hallasna tlett mija u hamsin (350) Liri Maltin. Kellna nixtru cash box ohra.

Nipprometti li f’seduta ohra nesebixxi l-ircevuti kollha relattivi.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Raymond Caruana fis-Seduta tat-28 ta' April, 2009, inter alia qal:

"Qieghed nesebixxi bhala dok RCZ 1 ircevuta li tirrigwarda cash register li ahna kellna nixtru biex nissostitwixxu l-cash register li kienet insterqitilna. Nesebixxi bhala dok RCZ 2 stima u ricevuta li tirrigwarda hsara li kienet saret fit-tieqa tal-faccata u dana huwa l-ammont li ahna hallasna biex irrangajna dina t-tieqa li hija fl-ammont ta' EUR 808.30c. Nesebixxi bhala dok RCZ 3 u dan id-dok RCZ 3 huwa stima dwar laptop u nghid illi ahna il-laptop li kellna taghna kin pjuttost qadim u kienx jiswa l-ammont indikat fuq dan il-laptop. Dana l-laptop kien sabu hija Joe imkisser mal-art u nghid illi pero' dana l-laptop ghadna ma xtrajniex wiehed gdid. Nesebixxi bhala dok RCZ 4 chit illi ahna xtrajna biex nissostitwixxu assortment box u cabinet li kienu kisrulna fl-okkazzjoni tas-serqa rigwardanti dan il-kaz. U dawna qeghdin fit-total ta' EUR 118.95c. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala dok RCZ 4. Nghid ukoll li dan id-dokument RCZ 5 hija ricevuta ta' safe li jiswa fl-ammont ta' EUR 150.

Nghid illi dan is-safe fil-fatt peress li ahna nimportaw dan is-safe, dana s-safe xtrajnih minghandna stess biex nissostitwixxu s-safe li kien insterqilna fis-serqa mertu ta' din il-kawza. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala dok RCZ 5. In kwantu ghal domanda li qeghda ssirli mill-prosekuzzjoni ghal x'jaf fuq dan il-kaz hija George Caruana u dana rigwardanti mertu ta' din il-kawza nghid illi hija ma jaf xejn dwar dan il-Kaz. Nghid meta kienet sehhet is-serqa mertu ta' din il-kawza jiena kont ninsab imsiefer."
"......................................................................................."
(Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Michael Mifsud fis-Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2010, qal:

"Nghid illi in kwantu ghad-data tas-7 ta' Frar, 2009 meta jien kont qieghed gewwa kantina u kienu gew il-Pulizija jien ma kont qieghed naghmel xejn. In kwantu ghas-safe li kienu sabu l-Pulizija meta kienu gew f'din il-kantina, u

nghid illi in kwantu ta’ dan is-safe, jiena dan is-safe gie ghandi ghax f’dik il-gurnata jien kont il-kazin tal-futbol ta’ Haz-Zabbar. Dana kienu dakinhar stess ghall-habta tat-8.00am - 8.30am u gie Keith Harrington, nghid u dana kien talabni pjacir biex insellfu . . . Dana huwa qisu chaser zghir. Jiena ghedtlu biex jimxi mieghi, mort habbatt lil sid il-kantina ta’ fejn kont qieghed noqghod u huwa qalli li kellu kaxxa biex jiftaha ghandi. Nghid illi sid il-kantina sellifna . . . dana Keith imbaghad qalli biex huwa jiftah din il-kaxxa, morna gol-kantina, nghid illi din il-kaxxa kienet kaxxa tal-hadid, ma nafx jekk kenitx tidher bhala safe. Nghid illi imbaghad dan Harrington fetah din il-kaxxa, imbaghad dan Harrington qalli li kien ser imur jixtri u jien ghedtlu mur ixtri. Jiena imbaghad ghajtitli habiba tieghi minn barra l-kazin u hrigt inkellimha u Harrington telaq. Nghid din it-tfajla giet mal-gharusa taghha u mbaghad dawn it-tnejn dahlu ghandi fil-kantina. Imbaghad wara kwarta li kien telaq Harrington gew il-Pulizija. Nghid illi in kwantu ghall-flus li sabu l-Pulizija jiena ma nafx x’kien ghamel Harrington. Nghid illi jiena in kwantu ghall-flus, kont jiena nippresumi li kien Harrington li hareg dawn il-flus minn din il-kaxxa. Sadanittant jien kont qieghed nkellem lit-tfajla barra. Jien domt inkellem lil dit-tfajla barra l-kantina xi nofs siegha. Nghid Harrington kien telaq wara nofs siegha li kien wasal gol-kantina mieghi. Harrington lili kien qalli li kien ser jerga’ jigi lura ghandi. Nghid illi meta l-Pulizija gew, sabu lili, lit-tfajla u lill-gharus taghha hemm gew. Mistoqsi mill-Avukat difensur kif il-Pulizija sabu din it-tfajla u dan il-guvni taghha mohbija fil-gwardarobba nghid ma nafx.”

L-imputat in Kontro Ezami fl-istess Seduta qal:

“Nghid illi jiena fid-data li gejt arrestat, fis-7 ta’ Frar, 2009 kont ili gimgha noqghod fil-kantina. Jiena kont noqghod fil-kantina wahdi. Gieli gew hbieb ghandi fil-kantina. Mistoqsi jekk konnix ma’ dawn il-hbieb niehdu xi birra fil-kantina nghid li le. Nghid dakinhar tas-7 ta’ Frar, 2009 jien kont qomt fit-8am. Mort mal-ewwel il-kazin tal-futbol ta’ Haz-Zabbar. Nghid illi meta Harrington kien talabni ghal dan il-grinder iz-zghir nghid jiena ma saqsejtux ghaliex riedu. Nghid illi lili Harrington wara li sid il-kantina tana dan il-

grinder, lili qalli li kellu kaxxa u ried jiftaha ghandu. Nixtieq nghid illi din il-kaxxa Harrington kien gabha fil-karozza tieghu. Jiena kont mort lura l-kantina bil-mixi. Nghid illi kien Harrington li dahhal din il-kaxxa gewwa l-kantina. Nghid illi Harrington ma fetahx il-kaxxa quddiemi ghax jiena lhaqt hrigt inkellem lit-tfajla barra l-bieb tal-kantina. Jien hallejt lil Harrington wahdu gol-kantina. Jiena domt inkellem lil din it-tfajla barra l-kantina xi nofs siegha. Nghid illi jiena u kont niezel lura gol-kantina Harrington kien hiereg mill-kantina u qalli li kien sejjer jixtri u jien ghedtlu biex imur. Nixtieq nippreciza li jien ma’ din it-tfajla kellimtha naqra ‘il fuq iktar mill-bieb tal-kantina. Jiena l-isem ta’ din it-tfajla ma niftakrux. Nixtieq nghid illi din it-tfajla li jien kellimt hija l-istess tfajla li mbaghad instabet mill-Pulizija fil-kantina u l-guvni l-gharus taghha huwa l-istess guvni li nstab fil-kantina meta gew il-Pulizija. Nghid li l-gharus ta’ din it-tfajla naf li jismu Christian. Nghid illi meta mbaghad Harrington kien hiereg mill-kantina u jien kont diehel, it-tfajla marret tghid lill-gharus taghha li kien qieghed f’karozza biex jinzel mill-karozza halli it-tnejn li huma jidhlu mieghi fil-kantina. Imbaghad dawn it-tnejn dahlu fil-kantina. Nghid illi fil-hin li Harrington hareg mill-kantina, it-tfajla kienet marret tghajjat lil boyfriend taghha biex huwa jidhol fil-kantina ghalhekk ma lehqux iltaqghu. Nghid illi bejn il-hin li jiena dhalt gol-kantina wara li telaq Harrington u l-guvni u t-tfajla li semmejt gew gewwa l-kantina ghaddiet xi kwarta. Nghid illi jiena l-karozza tal-guvni ta’ din it-tfajla ma kontx naf fejn hi qieghda pparkjata, kienet hi li qaltli li kienet se tmur tghidlu jigi. Meta Harrington hareg mill-kantina huwa idejh kienu vojta. Jiena meta wara dhalt gol-kantina innutajt kaxxa mkebba bit-tape, xammejt riha ta’ grinder, nghid illi din il-kantina tikkonsisti f’kamra pjuttost imdaqqsa ftit inqas minn din l-awla u kamra ohra pjuttost zghira fejn il-kamra l-ohra tmiss ma’ din il-kamra ikbar. Jiena ma tajtx kas jekk kienx hemm xi affarijiet gewwa il-kantina li ma kienux tieghi, ma tajtx kas jekk il-grinder kienx ghadu hemm hekk. Jiena ma tajtx kas in kwantu dina l-kaxxa li kienet qisha xi haga mkebba fit-tape jekk kinitx miftuha jew le. Jiena ma tajtx kas x’seta’ halla warajh Harrington wara li hu kien hareg mill-kantina. Nixtieq nghid li f’dik il-kwarta li domt wahdi

sakemm imbaghad dahlu l-guvni u t-tfajla fil-kantina jiena qadt bilqeghda fuq siggu hdejn il-mejda.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kemm 'il darba jien niftakarx il-kaxxa kenitx fl-art magenb il-mejda u quddiem il-kaxxa kien hemmx bicycle nghid illi ma niftakarx. Mistoqsi jekk kemm 'il darba jiena niftakar illi jiena filfatt il-kaxxa rajtha, nghid ija il-kaxxa jiena rajtha hemm gew. Niftakar ukoll illi kien hemm bicycle hdejn il-kaxxa. Mistoqsi jekk kemm 'il darba niftakarx illi fuq il-mejda kien hemm zewg diski tal-grinder mahruqin, nghid illi ma tajtx kas. Mistoqsi jekk kemm 'il darba jiena rajtx tape tad-dawl iswed fuq il-mejda nghid illi ma tajtx kas. Nghid illi jiena ma rajtx boroz tal-flus. Jiena ma tajtx kas jekk kienx hemm xi boroz tal-flus fuq is-sodda. Jiena ma kelli l-ebda boroz tal-flus bil-coins id-dar u cioe' fil-kantina. Qieghed nigi muri r-ritratti li huma formanti parti minn relazzjoni li hija esebita bhala Dok DCM 1. Qieghed nigi muri ritratt innumerat bhala 09AHH122. Nghid dina il-mejda li tidher f'dan ir-ritratt naqbel li hija l-mejda li jiena kont qieghed fuq siggu hdejha. In kwantu ghal dan ir-ritratt qieghed nara zewg diski tal-grinder u kif ukoll tape kannella ohxon li nghid li in kwantu ghal dawn l-affarijiet jien ma kontx tajt kas kienux hemm jew le fuq il-mejda. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH123. Nghid dana juri l-istess tape u dawn iz-zewg diski tal-grinder u jien ma niftakarx li kont rajthom fuq il-mejda. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH127. Nghid hawn hekk qieghed nara l-kaxxa u nikkonferma li din hi l-kaxxa li kien dahhal Harrington gewwa l-kantina. Rigwardanti il-bicycle li qieghda wara din il-kaxxa ma niftakarx li kienet qieghda gol-kantina, lanqas naf ta' min hi l-bicycle. Nixtieq nghid illi meta kien dahhalha Harrington din il-kaxxa gewwa l-kantina din kienet imgezwra go plastic iswed, ma kellix it-tape kannella maghha kif jidher fuq dan ir-ritratt. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH128 u nghid li din hija l-close-up tal-kaxxa u nikkonferma li din hija l-kaxxa illi dahhal Harrington pero' meta dahhalha ma kenitx bit-tape kannella maghha. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH133. Nghid illi dan huwa l-grinder li jiena kont rajtu ghand sid il-kantina. Dakinhar li sid il-kantina sellifni grinder pero' kien tajuli go borza u jiena l-borza

ghaddejtha lil Harrington u ghalhekk il-grinder ma kontx rajtu dakinhar.

Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat bhala 09AHH129. Nghid illi dina turi l-area fejn jien kont norqod fil-kantina. Nghid illi in kwantu ghall-affarijiet li hemm fuq din is-sodda, jiena ma qadtx nati kas dwar dawn l-affarijiet. Jiena mieghi meta kont dhalt biex noqghod fil-kantina kull ma hadt bicctejn hwejjeg u xugaman. B'referenza ghar-ritratt li qieghed nigi muri innumerat bhala 09AHH134, qieghed nigi muri close-up li juri flus li qeghdin dawn il-flus gewwa investa liema investa bil-flus qieghda fuq is-sodda. Nghid illi dawn il-flus jiena m niftakarx li rajthom. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat bhalha 09AHH136 kif ukoll ir-ritratt 09AHH135. In kwantu ghar-ritratt 09AHH135 li fiha tidher is-sodda u wahda mill-komodini fil-genb liema komodina hija miftuha u hemm il-flus go fiha. Dawna ma niftakarhomx hemm hekk. Dana fis-sens li jien niftakar li kien hemm is-sodda u l-komodina imma jiena ma qadtx niftah il-komodina biex inkun naf x'hemm u ma hemmx. F'gimgha li kont ili fil-kantina qatt ma ftahtha il-komodina. Nghid jiena utilizzajt mill-komodina, fuq il-komodina billi qghedt cwievet u sigaretti. Nixtieq nghid illi in kwantu ghar-ritratt 09AHH136 dana juri close-up tal-komodina. Nghid li jiena dawn il-flus gewwa il-komodina kif jidher f'dan ir-ritratt, jiena nikkonferma li ma kontx rajthom. Nghid li l-gwardarobba li kien hemm gol-kantina jien qatt ma uzajtha. Nghid jiena il-hwejjeg tieghi li kont hadt mieghi dendilthom go basket mdendlin ma-hajt. Nghid dawna l-guvni u t-tfajla meta mbaghad dahlu fil-kantina ghaddiet xi kwarta meta mbaghad gew il-Pulizija. Dawna gew ikellmuni ghaliex kienu xtraw xi post u riduni naghmlilhom xi xoghol. Nghid dwar l-oggetti li kien hemm gol-kamra dawn ma qaluli xejn. Nghid jiena minn dawn l-oggetti ma kont rajt xejn. Dawn qalu li kienu xtraw post fiz-Zejtun u dawna lili qaluli biex nghaddilhom xi pajpijiet tad-dawl . . . u ahna konna ghadna qeghdin niddiskutu. Nghid ahna konna qeghdin niddiskutu madwar il-mejda. Nghid li l-Pulizija mbaghad bdew ihabbtu. Nghid illi dana l-bieb inghata erba' daqqiet ta' sieq u infetah mill-ewwel. Imbaghad qaluli Pulizija u ftahtilhom il-bieb. Derli li l-Pulizija ghamlu t-tisbit fuq il-bieb u jiena ftahtilhom

ghaddew xi zewg minuti. Nghid li meta jiena qomt minn fuq il-mejda biex immur niftah lill-Pulizija l-bieb, il-guvni u t-tfajla kienu ghadhom bilqeghda madwar il-mejda. Biex nippreciza, l-ewwel il-Pulizija kienu habbtu bilmod, imbaghad ghaddiet xi minuta, imbaghad il-Pulizija taw erba’ daqqiet ta’ sieq fuq il-bieb u ma niftakarx jekk il-Pulizija kienux semmew ismi. Li naf huwa li l-Pulizija qaluli li hawn il-Pulizija. Nghid illi meta l-Pulizija kienu habbtu bilmod sakemm imbaghad taw id-daqqiet ta’ sieq fuq il-bieb, jiena la smajt il-kliem hawn il-Pulizija u lanqas smajt lil xi hadd jghid ismi. Nghid illi jiena ghaldaqstant ghal wara li l-Pulizija habbtu bilmod il-bieb sakemm imbaghad il-Pulizija taw daqqiet bis-sieq fuq il-bieb ghaddiet xi minuta. Nghid li dik il-minuta naqbel ma’ dak li qieghed jigi suggerit mill-Prosekuzzjoni illi f’dik il-minuta jiena ma kellix suspett li l-persuni kienu Pulizija.

Qieghed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni allura jiena f’dik il-minuta ghalfejn ma saqsejtx min jew mort niftah. Nirrispondi m nafx. Jiena cert li kienu minn minuta sa zewg minuti minn mindu mbaghad smajt it-tisbit fuq il-bieb u l-kelma Pulizija biex jiena mort niftah il-bieb. Nghid il-Pulizija kienu qalu li huma Pulizija wara li kienu taw id-daqqiet ta’ sieq fuq il-bieb. Jiena qieghed nigi mistoqsi x’ghamilt f’dik il-minuta, jiena qomt niftah mort bilmod biex niftah. Id-distanza minn fejn kont qieghed bilqeghda sal-bieb fejn sabbtu fuqu l-Pulizija, l-bieb tal-kantina kien hemm bejn xi ghaxar piedi u tnax-il pied. Jiena domt xi minuta biex wasalt minn fejn kont bilqeghda sal-bieb. Qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH122. Nghid illi din turi l-mejda u juri wkoll il-bieb tal-kantina u nikkonferma li jien kont qieghed bilqeghda fuq siggu li hemm madwar il-mejda u mbaghad il-bieb, nindikah ukoll il-bieb bhala il-bieb kulur krema. Nixtieq nghid li jiena mis-siggu sal-bieb domt minuta biex immur. Sakemm qomt jiena, il-guvni u t-tfajla kienu ghadhom bilqeghda madwar il-mejda. Dana sakemm qomt jien biex immur niftah il-bieb. Nghid li l-Pulizija fuq il-bieb. Nghid li l-Pulizija fuq il-bieb taw xi erba’ daqqiet f’dik il-minuta li jien domt biex niftah. Ma niftakarx jekk il-bieb kienx maghluq bi stanga jew le. Nixtieq nikkoregi ruhi, il-bieb kien maghluq bl-stanga. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kemm ‘il darba

meta jien ftaht il-bieb dana l-bieb kien kwazi waqa, kien imdendel u nghid li ma niftakarx. Qieghed nigi mistoqsi jekk niftakarx filfatt illi dana l-bieb tant qala daqqiet mill-Pulizija biex jinfetah li anke intuza kantun biex jinfetah u ghalhekk il-bieb spicca mdendel kwazi se jaqa nghid illi jien dwar dan ma nafx. Jiena li smajt kienu xi erba' daqqiet b'sahhithom. Qieghed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kemm 'il darba filfatt ma ghadditx minuta biex jiena mort niftah imma ghaddew aktar minn hames minuti kwazi ghaxar minuti biex niftah, nghid illi mhux veru. Qieghed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni ghaliex dawn il-guvni u t-tfajla spiccaw dahlu fil-gwardarobba nghid jiena dawn il-guvni u t-tfajla ma rajthomx dehlin gol-gwardarobba, ma niftakarx jekk dawn il-guvni u t-tfajla qabel qattx kienu dahlu go din il-kantina mieghi. Nikkonferma li jiena l-flus li nstabu mill-Pulizija fil-kantina ma kontx rajthom qabel.

Qieghed jigi suggerit lili mill-Prosekuzzjoni li lill-Pulizija meta kienu ghadhom wara l-bieb huma semghu minn gewwa l-kantina c-cekcik ta' flus. Nghid illi mhux veru. Mistoqsi jekk meta jiena kont ghadni qieghed nkellem lit-tfajla barra smajtx il-hsejjes minn gewwa il-kantina tal-grinder fejn kien hemm Harrington, nghid li ma tajtx kas. Qieghed nigi mistoqsi jekk niftakarx li bicca mis-saqaf tal-kantina kien fih sprall u kien hemm xibka tal-hadid nghid li ma tajtx kas. Qieghed nigi mistoqsi li filfatt minhabba dina l-isprall l-passi minn barra anke jinstemaw minn gewwa nghid illi ma tajtx kas. Qieghed nigi muri ritratt 09AHH113, qieghed nigi muri r-ritratt innumerat 09AHH113. Nghid illi quddiem il-bieb ahmar fejn hemm qisha injama u warajha hemm xi haga griza, qieghed nigi mistoqsi jekk nafx li din kienet l-isprall li ghadu kif gie riferit ghalija, nghid illi qatt ma tajt kas. Qieghed jigi suggerit lili mill-Prosekuzzjoni illi filfatt din it-tfajla u l-guvni kienu gew dakinhar ghandi mhux biex iqabbduni naghmlilhom xi xoghol imma biex kif ghamel haddiehor jigu jitkellmu mieghi u jghinuni naqra fil-facendi tal-kantina. Nghid li dan mhux veru.

Qieghed nigi mistoqsi jekk kemm 'il darba bhala stat ta' fatt dana il-guvni u t-tfajla qabel ma gew il-Pulizija kienu ilhom xi nofsija ghandi u illi huma ma raw l-ebda persuna

ohra fil-kantina nghid li ma niftakarx. Qieghed jigi suggerit lili li jiena s-safe hrigtu quddiem dawn it-tfajla u l-guvni u kelli anki l-flus f'idejja, ma tajthomx spjegazzjoni dwar dan is-safe u dawn il-flus nghid li mhux veru. Nghid illi dwar dan il-kaz jien ghalija gejt arrestat mill-Pulizija ta' xejn b'xejn. Nghid illi jiena l-Pulizija meta kont ftahtilhom il-bieb, kien hemm wiehed Pulizija tac-CID li lili tani daqqa ta' revolver go wicci u qalli ghax ma ftahtx minn qabel. Nghid illi jien ghalhekk lill-Pulizija ma kontx tajthom l-ispjegazzjoni li qieghed naghti fid-deposizzjoni tieghi llum, ghax kont qlajt daqqa minghand il-Pulizija.

Jiena fil-lock-up tad-Depot kont tlabt assistenza medika. Nghid illi kull hames minuti kienu qeghdin igibuli l-panadols imbaghad darba qaluli li ser johduni l-isptar imma mbaghad ma hadunix l-isptar. Nixtieq nghid illi jien ma hassejtx il-htiega li nghid lill-Ispettur Keith Arnaud dwar dawn il-fatti. Nghid li fil-kantina kelli d-demm f'halqi u jiena tlabt lill-Ispettur Keith Arnaud biex itini ilma ha nlahlah halqi u tani. Nghid jiena fuq wicci ma kelli l-ebda feriti u wara li lahlaht id-demm bl-ilma nghid illi kelli s-sinna li kienet diga mcaqalqa u b'din id-daqqa kienet ittajritli nofs is-sinna. Nixtieq nikkonferma li jiena fuq barra ta' wicci ma kelli l-ebda feriti. Nghid illi jiena minn mindu gejt arrestat fuq dan il-kaz sal-llum lil Keith Harrington qatt ma kkomunikajt mieghu. L-ahhar kuntatt li ghamilt ma' Harrington kien dakinhar qabel ma jiena gejt arrestat. Mistoqsi jekk nafx li Keith Harrington mit, nghid li ma nafx. Nghid li Keith Harrington qatt ma raqad ghandi f'din il-kantina. Qieghed nigi mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk dakinhar niftakarx b'liema karozza kien gie Harrington, nghid li le. Qieghed nigi mistoqsi jekk kemm 'il darba jiena qattx kelli f'idejja cash registers jew ghamiltx uzu minn cash registers nghid ma niftakarx." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat in Ri-Ezami fl-istess Seduta qal:

"Nghid qabel ma mort noqghod fil-kantina, jiena kont noqghod ma' missieri fid-dar gewwa Haz-Zabbar. Jiena kelli problema ma' missieri. Mort noqghod fil-kantina ghax kont iggilidt ma' missieri. Nghid jiena kull ma hadt mieghi fil-kantina kienu bicctejn hwejjeg u xugaman. Nghid illi l-

bicycle li kien hemm gewwa l-kantina hija ta' sid il-kantina." (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat in Ri-Kontro Ezami fl-istess Seduta qal:

"Qieghed nigi mistoqsi allura din il-bicycle nikkonfermax hijix ta' sid il-kantina, nghid illi ma nafx ta' min hi. Nghid li l-argument kien ma' missieri ghaliex missieri qalli li ma jridx iktar Pulizija wara l-bieb." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat Michael Mifsud il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti dawn iz-zewg akkuzi gew sodisfacentement ippruvati. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni il-Qorti taghmel referenza ghal dak minnha sottolinjat fil-provi riprodotti aktar qabel f'din is-Sentenza. Rigward id-deposizzjoni tal-imputat Michael Mifsud il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' viva voce lill-imputat u hi tal-fehma li l-versjoni li taha l-imputat mhix wahda kredibbli. L-imputat ghogbu jzeffen fl-istorja tieghu lill-Keith Harrington li hi pesuna mejta. Inoltre l-versjoni li taha l-imputat hi kontradetta minn Kristian Ellul u Donnalise Chirop (Vide Supra).

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Michael Mifsud il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti jemergi li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Rat l-artikoli 261(b)(c) u (f), 263(a), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281(a), 325(1)(a), 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-dawl tas-suespost, issib lill-imputat Michael Mifsud hati tal-ewwel (1) akkuza u tat-tieni (2) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Michael Mifsud ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) u seba' (7) xhur prigunerija.

Rigward it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Michael Mifsud il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat hati ta' din l-akkuza stante li din l-akkuza ma' tirrizultax

sodisfacentement ippruvata u minnha tillibera l-istess imputat Michael Mifsud.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Michael Mifsud sabiex fi zmien sena millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' hames t'elef, erba' mija u hames Ewro u disgha u ghoxrin centezmi ta' Ewro (Ewro 5405.29) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha hu esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1 u tal-espert Martin Bajada nominat minn din il-Qorti fil-mori ta' din il-kawza.

Finalment, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggett (mobile phone Nokia) esebit bhala Dok. SNG 1.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------